MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2014

Numru. 244/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR JONATHAN RANSLEY**

**VS**

**JOACHIM SPAGNOL**
**(ID Nru. 3265M)**

Illum, 2 ta` Dicembru, 2014.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joachim Spagnol, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 3265M.

**Akkuzat talli:**

F’xi hin fit-tnejn u ghoxrin ta` Novembru 2013 gewwa Triq D’Argens, Gzira;

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` haddiehor f’periklu car, ikkaguna feriti ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Elizabeth Watkins skont kif iccertifika Dr. A. Cassar, Dental Surgeon Reg. No. 113 tal-Isptar Mater Dei.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni, tikkunsidra l-ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda' alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati kif akkuzat.

Dina l-Qorti qed issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien  tlett snin (3) mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------